MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 1033/2011

**Multigas Limited**
**(C – 8318)**

**vs**

**Cherubino Limited**
**(C – 3677)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors promotur guramentat datat il-21 t'Ottubru, 2011, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti ppremettiet sintetikament is-segwenti:

1. Illi s-socjeta` rikorrenti kienet inkarigata mis-socjeta` ntimata biex tistalla hames (5) cilindri tal-gass industrijali u pajpijiet ghall-provvista ta' hames (5) tipi differenti tal-gass, senjatament nitrogenu; arja

kompressata; idrogenu; alju u "*liquified petroleum gas*", (L.P.G.);

2. Illi dan l-inkarigu nghata wara li s-socjeta` ntimata nghatat "*tender*" numru CT 201/2005 mid-Dipartiment tal-Kuntratti Pubblici;

3. Illi s-socjeta` rikorrenti ezegwiet ix-xoghlijiet kollha necessarji li tqabbdet taghmel;

4. Illi sussegwentement is-socjeta` ntimata lmentat dwar hsarat allegatament ikkawzati fl-apparat integrali tal-kromatografu minhabba "*mislabelling*" fejn ghalhekk, il-kromatografu tal-gass gie konness hazin;

5. Illi jirrizulta li ma saret l-ebda hsara fl-apparat li effettivament hadem b'mod normali;

6. Illi nonostante li s-socjeta` rikorrenti m'accettat l-ebda responsabbilita`, saru diversi tentattivi biex jigu kkwantifikati l-hsarat allegati, izda minhabba nuqqas ta' nteress mis-socjeta` ntimata, dan qatt ma sehh;

7. Illi s-socjeta` ntimata kellha thallas lis-socjeta` rikorenti s-somma ta' dsatax –il elf, hames mija u hmistax-il Ewro u disgha u erbghin centezmu, (€19,515.49), ghax-xoghlijiet maghmula mill-istess socjeta` rikorrenti lis-socjeta` ntimata;

8. Illi nonostante li s-socjeta` ntimata giet interpellata biex teffettwa l-pagament dovut, baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha tigi ntavolata din il-procedura biex is-socjeta` ntimata tghid ghaliex din il-qorti m'ghandhiex:

i. Tiddikjara li s-socjeta` ntimata ghandha taghti lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' dsatax-il elf, hames mija u hmistax –il Ewro u disgha u erbghin centezmu, (€19,515.49), oltre l-imghax kummercjali sal-effettiv pagament;

ii. Tordna lis-socjeta` ntimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ndikata fil-paragrafu precedenti oltre l-imghaxijiet hemm ukoll indikati;
iii. Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittri ufficcjali ndikati fir-rikors promotur;

Rat il-verbal datat it-18 ta' Jannar, 2012, fejn gie rrilevat li s-socjeta` ntimata hi debitament notifikata u li tinsab fi stat ta' kontumacja;

Semghet ix-xhieda prodotta u ezaminat l-affidavitipprezentat;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi s-socjeta` rikorrenti timmanifattura u tbiegh gass industrijali u makkinarju relatat;

2. Illi s-socjeta` ntimata talbet lil dik rikorrenti taghmlilha xi xoghlijiet, u fl-istess hin, din l-istess socjeta` ntimata hadet "*tender*" biex taghmel xi xoghlijiet ghall-Gvern;

3. Illi x-xoghlijiet in dizamina espletati mis-socjeta` rikorrenti saru fl-2006, u sal-lum ghadha ma thallsitx taghhom;

4. Illi x-xoghlijiet in dizamina kienu jirrigwardaw il-forniment ta' "*L.P.G.*" fl-"*Evans Laboratory*" il-Belt;

5. Illi wara li x-xoghlijiet kollha kienu debitament esegwiti s-socjeta` ntimata qajjmet xi lmenti rigwardanti xi "*labels*" allegatament imwahhla hazin;

6. Illi s-socjeta` rikorrenti nvolviet lis-socjeta` assikuratrici taghha fil-kaz;

7. Illi rizultat tal-ittikettar zbaljat allegatament dahal gass zbaljat fl-apparat u s-socjeta` ntimata giet anke mitluba tbiddel xi apparat;

8. Illi nonostante tali allegazzjonijiet jidher li l-apparat in kwistjoni ghadu qed jigi wzat fil-post;

9. Illi l-ammont mitlub mis-socjeta` rikorrenti ghall-apparat minnha stallat lis-socjeta` ntimata ghadu ma giex saldat nonostante diversi nterpellazzjonijiet;

Ikkunsidrat:

Illi nonostante l-allegazzjonijiet ta' ittikkettjar zbaljat u l-konsegwenti hsarat li allegatament saru, l-ebda prova ma giet imressqa fir-rigward;

Illi ghalhekk tissottlinea li din il-procedura hi biss wahda li qed titlob ghall-hlas ta' konsenja u stallar ta' prodott li s-socjeta` ntimata naqset li tikkonforma ruhha mal-obbligi minnha assunti;

Ikkunsidrat:

Illi dak li jirrizulta in atti, hu sintetikament is-segwenti:

1. Illi s-socjeta` rikorrenti kkonsenjat u stallat l-apparat de quo fuq talba u fuq struzzjonijiet tas-socjeta` ntimata li kellha l-esperti taghha prezenti waqt l-istallazzjoni effettiva tal-apparat li anke ddirigew l-istess stallazzjoni;

2. Illi l-ammont dovut ghal tali ezercizzju ghadu ma giex imhallas mis-socjeta` ntimata lil dik rikorrenti;

Ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti ppruvat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

1. Tiddikjara li s-socjeta` ntimata Cherubino Limited ghandha taghti lis-socjeta` rikorrenti Multigas

Limited is-somma ta’ dsatax-il elf, hames mija u hmistax –il Ewro u disgha u erbghin centezmu, (€19,515.49);

2. Tikkundanna lis-socjeta` ntimata fuq indikata biex thallas lis-socjeta` rikorrenti wkoll fuq indikata l-ammont hawn likwidat u ndikat fil-paragrafu precedenti;

3. Bl-ispejjez kif indikati fir-rikors promotur u bl-imghaxijiet legali kummercjali mid-29 ta’ Gunju, 2008, (data ta’ l-ewwel ittra ufficcjali), sad-data tal-effettiv pagament.

__________________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------